MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1096/2003

**Carmelo u Dorianne konjugi Sammut**

**Vs**

**(1) Rose Farrugia**
**(2) Carmelo u Mary konjugi Farrugia**
**(3) George u Mary konjugi Degiorgio,**
**(4) Joseph Vella**
**(5) Josephine Azzopardi**
**(6) John Pisani u**
**(7) John McGregory u b'digriet tal-10 ta` Novembru, 2003, Dr Vincent Galea gie nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti John McGregory**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta` hames mija u tlieta u sebghin lira, hamsa u sittin centezmu, (Lm 573.65) u dana kwantu ghal Lm138.58 minn Rose Farrugia, kwantu

ghal Lm65.16 minn Carmelo u Mary Farrugia, kwantu ghal Lm65.16 minn George u Mary Degiorgio, kwantu ghal Lm65.16 minn Joseph Vella, kwantu ghal Lm109.27 minn Josephine Azzopardi, kwantu ghal Lm65.16 minn John Pisani u kwantu ghal Lm65.16 minn John McGregory u liema ammonti jirrapprezentaw xogholijiet ta` drenagg u skul ta` l-ilma tax-xita, fil-Blokk "Tio Pepe Flats", Triq L-Imrejkba, Bugibba maghmula mill-istess atturi a beneficcju tal-konvenuti lkoll u jew fuq inkarigu taghkom fis-sena 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 20 ta` April, 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti kollha ghad eccezzjoni ta` John Pisani u John McGregory datata 24 ta` Settembru, 2003, li kkontestaw it-talbiet attrici stante li allegaw li x-xogholijiet ma gewx ezegwiti skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Ra r-risposta tal-kuratur, Dr. Vincent Galea, f'isem l-assenti John McGregory datata 2 ta` Dicembru, 2003, li rriserva li jressaq risposta ohra fi stadju ulterjuri peress illi attwalment ma kienx edott mill-fatti tal-kaz.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Gie notat illi l-konvenut John Pisani ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u kif ukoll anqas ma wiegeb ghad-domanda attrici meta msejjah in subizzjoni tramite kapitolu prezentat fis-seduta tat-3 ta` Mejju, 2004.

Ikkunsidra.
Illi l-attur Carmelo Sammut xehed illi l-hanut terran tieghu kien qed jircievi ghandu drenagg u skular ta` ilma mill-blokk ta` appartamenti sovrastanti. Fuq parir tal-Perit Michael Attard huwa kien gie dirett (a fol. 47) sabiex jibdel il-katusi komuni li kienu fi stat hazin kif fil-fatt ghamel. Il-konvenuti jikkontendu li x-xoghol sar hazin izda l-attur pproduca certifikat peritali ghal kuntrarju liema dokument jinsab ezebit a fol. 42 tal-process u konfermat bil-

gurament a fol. 53 tal-process. L-attur gab ukoll prova ta` l-ispiza relattiva a fol. 39 tal-process, kif konfermat bil-gurament tramite x-xhieda ta` Silvio Bellia. Dan ix-xhud jispjega kif gie mqabbad mill-attur sabiex jirrimedja l-hsara fil-katusi, kif ukoll dwar x'sab fuq il-post u x-xoghol rimedjali li huwa hadem fuqu.

In segwitu, l-attur jikkonferma li huwa kien thallas minn xi konvenuti fil-kors ta` dawn il-proceduri kif jirrizulta minn nota tieghu li tinsab a fol. 78 tal-process u difatti l-ammont tas-sorte kien qed jigi ridott ghal Lm195.05. Illi permezz ta` nota ohra datata 14 ta` Mejju, 2007, l-attur jelabora ahjar fuq l-ammonti tas-sorte u kif ukoll ta` l-ispejjez li huwa rcieva minn xi konvenuti u min kienu l-istess konvenuti paganti.

Jirrizulta li l-konvenuti mhux paganti huma Carmelo u Mary, konjugi Farrugia fir-rigward kemm is-sorte u kif ukoll l-ispejjez. Josephine Azzopardi halset is-sorte pero` mhux l-ispejjez. John Pisani u John McGregory ghadhom ma halsu xejn anqas l-ispejjez inkorsi ghan-notifika taghhom tramite l-pubblikazzjoni u n-nomina ta` kuraturi rispettivament.

Illi l-konvenuti mhux paganti baqghu ma resqu ebda spjegazzjoni ghal tali nuqqas taghhom u anqas ma ssostanzjaw l-allegazzjoni mressqa minn xi whud minnhom, li x-xoghol ma sarx tajjeb.

Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` t-talba attrici, kwindi jichad l-eccezzjoni sollevata minn uhud mill-konvenuti u dana fis-sens u in linea ta` dak li ntqal aktar 'il quddiem ighaddi biex jikkundanna lill-konvenuti Carmelo u Mary konjugi Farrugia sabiex ihallsu lill-atturi, s-somma mitluba ta` Lm65.16, lill-konvenut John Pisani sabiex ihallas is-somma mitluba ta` Lm65.16 u lill-konvenut John McGregory sabiex ihallas is-somma mitluba ta` Lm65.16, dejjem lill-istess atturi. L-ispejjez ta` dina l-kawza, hlief ghal dawk konnessi man-notifika tal-konvenut Pisani u tan-nomina tal-kuratur ghall-konvenut McGregory

ghandhom jinqasmu bejn erbgha mill-konvenuti u cioe` minn Carmelo u Mary konjugi Farrugia flimkien, minn Josephine Azzopardi, minn John Pisani u minn John McGregory. Dawn iz-zewg konvenuti ta` l-ahhar ghandhom ukoll ihalsu l-ispejjez relattivi ghal proceduri mehuda ghan-notifika taghhom. L-imghaxijiet relattivi fuq l-ammonti tas-sorte mhux imhalsa minn tliet konvenuti fuq imsemmija ghandhom jibdew jiddekorru kontra taghhom mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------